# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-21 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 1045/2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Numru 719/2008**
**fl-ismijiet:**

**Lawrence u Rita konjugi Spagnol**

**u**

**Pierre Bellizzi**

**vs.**

**Paul Demicoli, Kevin Bonnici, AIC**
**Joseph Falzon, Nick Demicoli**
**Construction Co. Ltd. u Asfaltar Ltd.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta' Paul Demicoli datat il-15 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-12 ta' Mejju, 2008, l-intimati odjerni Spagnol u Bellizzi ottenew il-mandat fuq indikat li ghadu *in vigore*;

1.2. Illi r-rikorrenti qatt ma kellu l-ammont ta' tliet mija u hamsin elf euro, (€350,000.00), biex jikkawtela l-istess ammont hemm sekwestrat;

1.3. Illi *di piu`*, l-istess intimati odjerni ottenew ukoll mandat t'inibizzjoni bin-numru 1140/2011 li inhareg definittivament fil-5 ta' Settembru, 2011, fuq art fabbrikabbli indikata fl-istess rikors promotur odjern, (ara foll 1 u 3), fejn il-pretenzjoni originali zdiedet ghal erba' mija u disghin elf euro, (€490,000.00), (ara foll 6);

1.4. Illi l-fond kolpit bl-istess mandat t'inibizzjoni gie stmat li jiswa miljun, sitt mija u tletin elf euro, (€1,630,000.00), (ara foll 11);

1.5. Illi l-kreditu pretiz hu wiehed ezagerat;

1.6. Illi in vista tal-mandat t'inibizzjoni fuq riferit m'hemmx ghalfejn jibqa' fis-sehh il-mandat ta' sekwestru in dizamina;

1.7. Illi in vista tal-premess jitlob li:

1.7.1. Il-mandat ta' sekwestru *de quo* jigi revokat;

1.7.2. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 13);

3.0. Rat ir-risposta datata t-30 ta' Novembru, 2017, li permezz taghha l-intimati odjerni sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi r-rikorrenti odjerni ma pprezenta l-ebda prova tal-istat ipotekarju tieghu u tal-proprjeta` kolpita bil-mandat t'inibizzjoni in dizamina;

3.2. Illi l-fatt li l-proprjeta` *de quo* tiswa €1,630,000.00 ma jfissirx li jekk tinbiegh, iggib dak il-prezz;

3.3. Illi jekk tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti odjern ma jkollhomx fuq xiex jesegwixxu t-titolu;

3.4. Illi ghalhekk jitolbu li:

3.4.1. It-talbiet tar-rikorrenti odjern jigu respinti;

3.4.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti odjern;

Ikkunsidrat:

4. Illi r-rikorrenti odjern isosstni li gialadarba jezisti mandat t'inibizzjoni fuq proprjeta` li tkopri kwalunkwe vertenza li l-intimati odjerni qed jivvantaw fil-konfront tieghu, allura l-mandat ta' sekwestru mahrug mill-intimati odjerni kontra tieghu m'ghandux jibqa' fis-sehh *stante* li l-inibizzjoni *de quo* hi sufficjenti biex tissodisfa d-drittijiet minnhom vantati kontra tieghu;

Ikkunsidrat:

5. Illi effettivament il-posizzjoni tar-rikorrenti odjern hi biss allegazzjoni li hu ghalhekk joffri garanzija sufficjenti fil-konfront tal-intimati odjerni fir-rigward tat-talbiet minnhom vantati kontra tieghu;

6. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li jispetta lil min javvanta tali garanzija alternattiva li jipprova dak minnhu pretiz;

7.0. Illi l-lanjanzi tal-intimati odjerni, senjatament:

7.1. Illi l-valutazzjoni tal-proprjeta` ma tfissirx li jekk tinbiegh ser tattira prezz ekwivalenti ghall-istess; u

7.2. Illi l-posizzjoni ipotekarja tal-istess proprjeta` mhix maghrufa;

huma ekwivalenti ghall-fatt li l-istess inibizzjoni tirrizulta li effettivament ghadha necessarja biex tittutela l-posizzjoni tal-intimati odjerni *stante* li minkejja l-inibizzjoni *de quo*, xorta wahda ma tezisti l-ebda certezza ta' sodisfazzjon tal-lanjanzi tal-intimati odjerni;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tas-suespost, allura ghandu jkun pacifiku li l-mandat ta' sekwestru in dizamina ghadu rilevanti u bzonnjuz ghat-tutela tad-drittijiet tal-intimati odjerni u konsegwentement, ma tqisx li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u ghalhekk:

**DECIDE:**

8.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti odjern ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru in dizamina fuq riferit;

8.2. Bl-ispejjez ta' dan il-procediment kontra r-rikorrenti Paul Demicoli.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**